MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Numru 414/2009

PULIZIJA
SPETTUR TREVOR MICALLEF
VS
JANIS CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Janis Caruana, ta’ 23-il sena, iben Alexander u Mary nee’ Zammit, imwieled 22 ta’ Novembru 1985 Pieta’, residenti 7, Flt. 3, Triq San Patrizju, Valletta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 577785(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar it-12 ta’ Frar 2009, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofs in-nhar (03:00p.m.), minn gewwa Hotel Gorganis, Kamra nru. 325, Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta’ *laptop* tal-marka Acer ghad-dannu ta’ Rosana Vargas Escarpita, liema serq huwa

kkwalifikat bil-'mezz', bil-'valur' (aktar minn Euro 233, izda anqas minn Euro 2330) u bil-'persuna';

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-akkuzat bhala recidiv;

Illi huwa akkuzat ukoll talli ghamel reat fil-perijodu ta' sentenzi sospizi moghtija nhar il-15 ta' Jannar 2009;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukant Generali (a fol.12) u dak ta' l-imputat (a fol.17) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:
Mix-xhieda ta' l-Ispettur Trevor Micallef jirrizulta li certu Rosana Vargas Escarpita kienet irrapurtat serq ta' laptop taghha fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, liema serq sar mill-kamra numru 325 tal-Hotel Giorgianis f'San Giljan.

Il-Pulizija PS 778 u PC 315 marru fuq il-post u saru diversi tfittxijiet fil-kmamar numru 325 u 326. Jirrizulta illi ma kien hemm ebda zgass fil-kamra numru 325 u rrizulta wkoll li r-*receptionist* gieli halliet ic-cwievet tal-kmamar tal-Hotel bla sorveljanza. Il-Pulizija, pero' irnexxielhom jakkwistaw CCTV *footage* fejn jidher l-imputat bil-*laptop* f'idejh u mbaghad iqieghdu taht il-flokk tieghu; saret referenza ghall-*istills* elevati minn CCTV *footage*, cioe TM1 sa TM6 (a fol.22 sa fol.24).

L-imputat irrilaxxa stqarrija li fiha huwa cahad kull allegazzjoni, pero' jghid illi huwa kien allogjat fil-lukanda Giorgianis fit-13 ta' Frar 2009, flimkien mat-tfajla tieghu u kkonferma li fil-passat kien dipendenti fuq id-droga.

Spettur Keith Arnaud (a fol.29) ezebixxa sentenza u ghamel ix-xhieda ta’ l-identita’ fil-konfront ta’ l-imputat.

PS 516 Alfio Borg (a fol.33 et seq.) ezebixxa DVD tac-CCTV *footage* rigwardanti l-incident.

Rudy Dougall, *Administration Manager* tal-Hotel Giordianis, ikkonferma li l-Pulizija kienu talbuh ghac-CCTV *footage*, rigwardanti s-serqa in kwistjoni, u meta huwa ra dan il-*footage*, innota lil xi hadd hiereg mill-kamra indikata mill-Pulizija: *“Itella wiccu ‘l fuq lejn is-saqaf, wara xi ftit jerga’ jnizzlu f’postu.”* Rudy Dougall kkonferma li huwa ghadda kopja ta’ dan il-*footage* lill-Ufficjal Prosekutur.

WPC 174 Joan Bonello kkonfermat l-okkorrenza li giet ezebita a fol.3 et seq. u kkonfermat ir-rapport tas-serqa tal-*laptop*.

Martin Bajada, l-Espert nominat mill-Qorti, ezebixxa Dok.TM u ezebixxa relazzjoni Dok.MB (a fol.47 et seq.) li turi l-*istills* mahruga mic-CCTV *footage in an enhanced format*.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda fuq prodotta, b’mod specjali mix-xhieda illi jipprovdi c-CCTV *footage*, prodott minn Rudy Dougall Assistant Manger tal-Hotel Giordianis, jirrizulta b’mod l-aktar lampanti s-serq tal-*laptop* mill-imputat. In fatti c-CCTV *footage* turi b’mod mill-aktar car u spjegat lill-imputat, qieghed jippassigga u jhares lejn ic-CCTV *cameras* tal-kuritur tal-hotel (ara t-tieni immagini a fol.55 u TM2 a fol.22 u TM4 a fol.23), turieh ihares lejn il-*cameras* b’*laptop* f’idejh (l-ewwel immagini a fol.56), turieh jithaxken mal-hajt biex jipprova jiskapola r-*range of vision* ta’ l-istess *camera* (ara fol.56) u turieh jitfa’ il-*laptop* taht il-flokk (TM6 a fol.24) u finalment johrog bih go basket. L-*istills* ta’ dawn il-*footage* (ara TM1 sa TM6 u l-immagini minn fol.51 sa

fol.57) huma prova zgaccanti tas-serq ta’ dan il-*laptop* mill-imputat.

L-*enhanced images* prodotti mill-Espert Martin Bajada juru lill-imputat b’mod tant car u inekwivoku li din il-Qorti ma ghandiex xrara ta’ dubbju fuq l-identita’ tal-persuna li tidher fuq il-filmat u l-*istills* riprodotti minnu.

Illi kif jirrizulta mix-xhieda fuq prodotta, il-*laptop* jiswa, certament, ‘il fuq minn mitejn tlieta u tletin Euro (233 Euro) u jirrizulta mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur li dan is-serq kien aggravat bil-mezz u bil-persuna.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma pproduca ebda xhieda in difeza.

L-Ufficjal Prosekutur ipprova, bla dubbju dettat bir-raguni, t-tieni (2) akkuza, cioe dik ta’ vjolazzjoni tas-sentenza sospiza datata 15 ta’ Jannar 2009, bl-ezibizzjoni ta’ dokument KA, sentenza (a fol.30) u xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-imputat fil-konfront ta’ l-istess sentenza (a fol.29).

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat **Janis Caruana** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 267, 268(c), 279, 280 u Artikolu 28A sa 28H u Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tikkundanna lill-imputat ghall-tlettax (13)-il xahar prigunerija u tirrendi operattiva s-sentenza (Dok.KA) fl-ismijiet Pulizija vs. Janis Caruana, datata 15 ta’ Jannar 2009, billi tikkundannah ghal perijodu ta’ prigunerija iehor ta’ tmintax (18)-il xahar, <u>b’total ta’ wiehed u tletin (31) xahar prigunerija.</u>**

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li jawtorizza lill-imputat jibda u jikkompleta Programm Residenzjali ghal Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga fi hdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Din il-piena qed tigi akkordata stante’ li **l-imputat kien ghadu kemm inghata opportunita’ minn Qrati Maltin fil-15 ta’ Jannar 2009** permezz ta’ sentenza sospiza

sabiex ikun jista' jirrejabilita' ruhu. Ta' min jghid illi **l-akkuzi odjerni jgibu d-data 12 ta' Frar 2009 u cioe fi zmien ta' anqas minn xahar, l-imputat kien rega ssokta fuq it-triq tal-kriminalita'.** Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat ma jisthoqlux illi jinghata opportunita' ulterjuri b'xi forma ta' piena alternattiva ghal dik karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------